GUDJA

Minuti tas-sitta u ħamsin (56) laqgħa tas-Sitt Kunsill Lokali għall-Gudja li saret fl-uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar l-Erbgħa 05 ta' Diċembru 2012 fis-5.45p.m.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Sindku; | John-Mary Calleja |
| | Viċi-Sindku; | Romeo Baldacchino |
| | Kunsillier; | Mark Anthony Sammut |

| | | |
|---|---|---|
| Skużati: | Kunsillieri; | Osvaldo Pace u Anthony Dalli |

Agenda:-

1. Approvazzjoni ta' minuti – 53/6 (19 t'Ottubru 2012)
   54/6 (15 t'Ottubru 2012 – msejħa b'urġenza)
   55/6 (30 t'Ottubru 2012)

2. Kommunikazzjonijiet:-
   a. Sindku
   b. Viċi-Sindku
   c. Kunsillieri

3. Rapporti:-
   a. Ilmenti
   b. Ittri li ntbagħatu
   c. Ittri li rċevejna

4. Aġġudikazzjoni ta' kwotazzjonijiet:-
   a. Quot/14/2012 – Supply & delivery of instant road repair material in bags
   b. Quot/015/2012 –Supply & delivery of sealer for the instant road repair material

5. Xogħlijiet u Progress
   a. Triq San Pawl
   b. Toroq oħra:- Triq il-Kbira, Triq Birzebbuga, Triq Sta Katarina, Triq J. Pace, Triq id-Dejqa, Triq San Mark, Triq il-Fidwa, Wesgħet A. Dalli, Triq Hal Resqun, Triq Hal Safi u Triq F.Castagna
   c. UIF - Ġnien Raymond Caruana
   d. Residential Parking Scheme

6. Attivitajiet Milied 2012/2013 - progress

7. Skema ta' Impjieg Inklussiv fil-kommunita

8. Skema dwar inizjattivi sportivi fil-lokalitajiet 2013

9. Skema - Programm ta' manutenzzjoni fil-komun tal-binijiet tal-Gvern11-16

10. Finanzi
    a. Petty Cash

b. Skeda ta' pagamenti
c. Talbiet għal xiri u xogħlijiet

11. Għeluq tal-laqgħa

**Ftuħ tal-laqgħa**

Il-laqgħa bdiet fis-6.00p.m. wara talba qasira mis-Sindku u l-Kunsillieri kollha preżenti.

**1.0 Approvazzjoni ta' minuti – 53/6 (19 t'Ottubru 2012)**
**54/6 (15 t'Ottubru 2012 – msejħa b'urġenza)**
**55/6 (30 t'Ottubru 2012)**

1.1 Dawn il-minuti li ġew ċirkulati għand il-Kunsillieri kollha qabel il-laqgħa ġew approvati nem con.

1.2.0 Affarijiet li qamu mill-minuti.

1.2.1 Minuti tal-laqgħa 53/6 (19 ta' Ottubru 2012).

Tema 2.2.2 Karozzi abbandunati fi Triq Ħal Resqun Il-Gudja. Is-Sur Baldacchino qal li kien hemm tlett karozzi abbandunati li waħda minnhom ilha hemm aktar minn sena u nofs u b'liċenzja skaduta sewwa. Il-Kunsill qabel li dan il-każ għandu jgħaddi f'idejn il-Pulizija peress li jista ukoll jagħti l-każ li xi waħda minn dawn il-vetturi ikunu rrapurtati misruqa.

**2.0 Kommunikazzjonijiet**

2.1.0 Sindku

2.1.1 Urban Imporvement Fund (UIF). Is-Sindku informa lill-Kunsill illi l-ftehim mal-MEPA dwar l-upgrading tal-playing field u partijiet oħra fi Ġnien R. Caruana ġie iffirmat nhar il-Ħamis 29 ta' Novembru 2012 bis-saħħa ta' dan il-ftehim il-Kunsill sejjer jikkwista fondi ta' €46,004.86 filwaqt li l-proġett kif stmat sejjer ilaħħaq is-somma ta' €88,118.50.

Il-Kunsill iddeċieda li joħroġ l-offerti sabiex jingħata bidu għall-eżekuzzjoni tax-xogħlijiet meħtieġa peress li dan huwa ta' fejda għar-residenti tal-Gudja kif ukoll għal dawk kollha li jiġu l-Gudja u jieħdu l-mistrieħ tagħhom fi Ġnien Raymond Caruana Il-Gudja.

2.1.2 Mappa Turistika tal-Gudja. Is-Sindku informa lill-Kunsill illi saret preżentazzjoni uffiċjali lill-Awtorita tat-Turiżmu ta' Malta u sar qbil li dawn il-mapep sejrin jitqassmu mill-MTA mill-uffiċji tagħhom inkluż fl-Ajruport Internazzjonali ta' Malta, fil-Gudja.

2.1.3 Servizzi Soċjali mill-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali Il-Gudja. Is-Sindku informa lill-Kunsill illi ġie iffirmat ftehim fejn dak il-ftehim eżistenti dwar is-servizzi soċjali ġie mġedded u intlaħħaq ukoll qbil li fejn ikun possibli s-servizz mogħtija minn dan l-uffiċċju tal-Kunsill jiżdiedu u dan primarjament sabiex ir-residenti tal-Gudja ikunu moqgħdija aħjar.

2.1.4 Awotrita tad-Djar. Is-Sindku informa lill-Kunsill illi waqt laqgħa mal-Kap Eżekuttiv tal-Awtorita tad-Djar Dott. Albert Buttigieg intlaħaq ftehim illi fil-

ġejjieni qarib l-Awtorita tad-Djar sejra t'offri €5000.00 għal kull blokka ta' appartamenti li hemm fil-qasam tad-djar fl-inħawi magħrufa tal-Mitħna.

Is-Sindku qal ukoll illi l-ftehim uffiċjali sejjer jiġi iffirmat f'Jannar 2013 fejn ukoll ikun hemm linji gwida dwar l-amministrazzjoni ta' dawn il-fondi u l-amministrazzjoni meħiteġa ta' dawn il-blokki t'appartamenti.

2.1.5 Bozza – Triq il-Fidwa bejn Triq San Pawl u Triq San Mark, Il-Gudja. Is-Sindku qal li din il-bozza (lampa) kienet inqalgħet waqt li kien qed issir il-bini l-ġdid f'dan il-lok u għalhekk huwa f'postu li l-Enemalta tintalab li terġa twaħħal din il-lampa fl-istess post peress li fil-preżent dawn l-inħawi jinsabu fid-dlam.

2.1.6 Kiri ta' Van. Is-Sindku qal li dan il-van qed iservi ukoll għall ġbir ta' skart goff u xogħol ieħor ta' patching ta' toroq.

Dan is-servizz ta' kiri ta' van qed jiswa €350.00 kull xahar iżda qed jinkorpora fih il-kuntratt tal-ġbir ta' skart goff li minn xahar għal xahar kien qed ilaħħaq għal madwar €150.00

Il-Kunsill qabel li jagħmel użu ta' dan is-servizz sal-aħħar ta' Frar 2013 u li tiġi osservata ukoll il-memo 57/2012 dwar ir-rimi ta' skart goff u skart ieħor.

2.1.7 Laqgħa dwar it-Trasport Pubbliku (Arriva). Is-Sindku informa lill-Kunsill illi kien attenda laqgħa fejn ġie diskuss is-servizz tal-Arriva fil-qasam tat-Trasport Pubbliku.

Is-Sindku qal li waqt din il-laqgħa tqajmu diversi ilment minn dawk kollha preżenti dwar il-bendy buses, dwar li mhux dejjem qed jinżammu l-ħinijiet stabbilita, dwar li ħafna drabi jiġu karozzi vojta anke wara ħafna ħin u hemm stages f'postijiet mhux addattati.

Is-Sindku qal li kien hemm qbil li ssir laqgħa ma' Trasport Malta b'mod kollettiv sabiex il-Kunsilli kollha juru solidarjeta u tiġi vuċi waħda flimkien li s-servizz tal-Arriva għandu jitjieb b'mod ġenerali.

2.1.8 Laqgħa mal-Pulizija dwar l-Ordni Pubblika – Permessi. Is-Sindku qal li flimkien mas-Sindki ta' Ħal Għaxaq, iż-Żejtun huwa rrapreżenta lill-Gudja dwar il-policy ta' għoti ta' permessi mill-Kunsill waqt il-ġranet tal-festi.

Il-Kunsill qabel li jkompli bil-policy preżenti skond il-legal notice preżenti dwar din il-materja.

2.1.9 Laqgħa tar-Reġjun – Ċitazzjonijiet. Is-Sindku qal li fil-laqgħa tar-Reġjun qam il-punt illi l-Kunsilli għandhom jirċievu iżjed fondi mill-ġbir taċ-ċitazzjonijiet. Dan is-suġġett għandu jiġi konsidrat aktar waqt laqgħa oħra tar-Reġjun.

2.1.10 Sleeping policeman fi Triq Joseph Gravina. Is-Sindku qal li l-sleeping policeman għandha tinqala u titpoġġa kantuniera ma' Triq il-Palma, Il-Gudja.

2.1.11 Ċint fis-service road, softarea Triq Ħal Tarxien, Il-Gudja. Is-Sindku qal li kien inbeda x-xogħol li skond tender preżenti ingħata lis-CMG, bis-siegħa u l-ġebel u l-materjal jinxtara mill-Kunsill. Is-Sindku qal li l-ħajt għandu jiġi rranġat u fejn hemm il-ġebel immermer jinbidel u li dan iċ-ċint jiġi mtawwal kif meħtieġ.

Is-Sindku qal li dan iċ-ċint għandu jsir fuq linja dritta.

Il-Kunsill qabel li s-siegħat tas-CMG jiġu miżmuma sewwa u li l-Perit tal-Kunsill jagħmel sorveljanza tax-xogħol sabiex l-istima ta' dan ix-xogħlijiet ma tiġix maqbuża.

2.1.12 Xogħol fuq Triq il-Kbira. Is-Sindku qal li huwa meħtieġ li l-bankina biswit Wesgħet Anglu Dalli tiġi mwessgħa. Il-Kunsill qabel li jitlob il-parir tal-Perit tal-Kunsill dwar il-possibilta li titwessgħa din il-bankina.

F'dan l-istadju l-Kunsill ħa konjuzjoni tar-rapport tal-Perit W. Lewis dwar l-aġġudikazzjoni tal-offerti – Ref: GLCtender12/2012 – Maintenance & Reconstruction of Paving Works (Kerbs & footways) in Gudja, u qabel li l-aħjar offerta hija dik ta' Mario Spiteri u għalhekk dan ix-xogħol għandu jingħata lill-kuntrattur Mario Spiteri skond kif indikat fid-dokumenti tal-offerta.

2.1.13 Riċeviment tal-Milied. Is-Sindku qal li jkun xieraq li jsir riċeviment informali fil-bini tal-Kunsill nhar it-Tlieta 18 ta' Diċembru 2012.

Is-Sindku qal li għal dan ir-reċiviment barra l-Viċi-Sindku u l-Kunsillieri kollha u l-ħaddiema tal-Kunsill għandhom jiġu mistiedna l-ħaddiema assenjati mal-Kunsill, l-Arċipriet, is-Surmast tal-iSkola u lil dawk kollha li jaħdmu fil-qrib u voluntiera tal-Kunsill.

Is-Sindku qal ukoll li hemm il-ħsieb li fil-bidu ta' Jannar 2013 issir ikla.

2.1.14 Toroq bil-konkos. Is-Sindku qal li hemm bżonn li f'parti minn Triq Birżebbuġa li tagħti ġewwa r-raba hemm bżonn li tingħata l-konkos.

Saret diskussjoni dwar l-aħjar metodu li jsiru x-xogħlijiet. Sar qbil li jkun aktar jaqbel li jitnaddfu l-inħawi ta' Loreto sa tal-Ħmis (sa fejn jispiċċaw il-konfini tal-Gudja) u wara l-Perit joħroġ l-istimi dwar in-nefqa tal-konkos li għandha tiġi konsidrata ukoll mill-Kunsll qabel ma tittieħed deċiżjoni finali.

2.1.15 Konkos fi Triq BurĠlat Il-Gudja. Is-Sindku qal li f'dawn l-inħawi hemm ukoll bżonn li jingħata l-konkos. Il-Kunsill qabel li jikseb ir-rapport tal-Perit tal-Kunsill dwar dak meħtieġ u wara l-estimi jiġu ikkonsidrati ukoll mill-Kunsill qabel ma tittieħed deċiżjoni finali.

2.1.16 Triq qrib il-kamra tan-nar biswit Triq Ħal Tarxien. Is-Sindku qal li kien għad jonqos xogħol ta' konkos sabiex jingħalaq dan il-proġett. Il-Kunsill iddeċieda li jitlob il-Perit sabiex joħroġ sitma ta' dak ix-xogħol meħtieġ, liema stima għandha tiġi quddiem il-Kunsill għal approvazzjoni finali tal-Kunsill.

2.2.0 Viċi-Sindku

2.2.1 Xogħol fil-playing field u Ġnien R. Caruana. Is-Sur Baldacchino qal li issa li wara li ġie iffirmat il-kuntratt mal-MEPA dwar il-fondi, huwa kien qed jassisti lill Kunsill sabiex joħorġu l-offerti u li malli jintgħażel il-kuntrattur ikun jista jinbeda x-xogħol għal-bidu ta' Frar 2013.

2.2.2 Xtiebi fi trejqa fil-kampanja qrib l-Ajruport Internazzjonali fil-Gudja. Is-Sur Baldacchino informa li dawn ix-xtiebi twaħħlu u qed jagħtu dehra sabiħa ta'

dawn l-inħawi u qed ikompli jgħinu lill-Kunsill fil-ħidma tiegħu li joffri mixjiet fil-kampanja speċjalment fl-inħawi ta' Bir Miftuħ.

Is-Sur Baldacchino qal li f'isem il-Kunsill huwa xtaq jirringrazzja lil dawk kollha li ħadma miegħu f'dan il-proġett li n-nefqa tiegħu għal Kunsill kienet vera minima.

2.2.3 Korsijiet fiċ-Ċentru ta' Taħriġ u Tagħlim matul il-Ħajja fil-Gudja. Is-Sur Baldacchino qal li kemm il-kors tal-Pittur Nicholas Cassr kif ukoll tal-artiġjanat dwar il-Milied ta' Ms. Lina Grech kienu ta' suċċess kbir u qed ikun hemm talba li l-Kunsill ikompli jitella dawn il-korsijiet.

Is-Sur Baldacchino qal li xtaq jirringrazzja l-għalliema Ms. Lina Grech u Mr. Nicholas Cassar kif ukoll lil dawk kollha li ikkollaboraw miegħu sabiex dawn il-korsijiet ikunu ta' suċċess b'risq ir-residenti tal-Gudja.

2.2.4 Programm tal-Festi tal-Milied 2012 u Sena Ġdida 2013. Is-Sur Baldacchino ippreżenta l-programm u ta' dettalji ta' kif sejjer jeżegwixxi dan il-programm u jikseb l-aktar parteċipazzjoni tar-residenti kif ukoll tal-pubbliku Malti u Għawdxi u turisti li jkun qed iżuru Gżiritna tul il-festi tal-Milied.

Il-Kunsill approva n-nefqa meħtieġa sabiex jiġi mwettaq dan il-programm.

## 2.3 Kunsillieri

2.3.1 Mark Anthony Sammut

a. Premjazzjoni mill-Malta Olympic Committee. Is-Sur Sammut qal li wara li saret ir-nomminazzjoni tal-Kunsill u saret l-evalwazzjoni ta' dak li wettaq il-Kunsill fil-qasam ta' l-isport, il-Kunsill tal-Gudja ngħata t-tieni post fl-unuri.

Is-Sur Sammut ppreżenta t-trofew lill-Kunsill kif mogħti mill-Malta Olympic Committee. Is-Sur Sammut qal li xtaq jirringrazzja lis-Sindku u lil Viċi-Sindku tal-koperazzjoni miegħu speċjalment fit-twettieq tal-proġett Public Private Partnership (PPP) mal-Gudja Football Club li qed jagħti ċans għal dawk li jixtiequ jieħdu sehem f'kull attivita sportiva kif ukoll għas-sapport tal-Kunsill fl-attivita sportivi wara l-ħin tal-iskola.

b. Skemi Sportivi għas-sena 2013. Is-Sur Sammut qal li ħarġu l-iskema għas-sena 2013. Il-Kunsill qabel li jipparteċipa f'dawn l-iskema u qabel li joħroġ in-nefqa ta' €4000.00 għal dan l-iskip sportiv b'risq ir-residenti tal-Gudja.

c. Basketball fil-bitħa tal-Gudja. Is-Sur Sammut qal li flimkien mas-Surmast tal-iSkola Primarja tal-Gudja, huwa kien qed jaħdem sabiex ikun hemm aktar logħob tal-basketball fil-bitħa tal-iskola Primarja, Kulleġġ San Benedittu, Il-Gudja. F'din il-ħidma kien inkiseb ukoll instructor u huwa xieraq li jinxtara l-apparat meħtieġ:- żewġ basketball rings u apparat anċellari ieħor li jiswa €800.00

Il-Kunsill qabel li joħroġ finanzjament għal dak meħtieġ.

d. CCTV quotes. Is-Sur Sammut spjega l-analiżi li għamel kif intalab mill-Kunsill fil-kapaċita ta' inġinier kwalifikat dwar il-kwotazzjonijiet tas-CCTV ġewwa l-Gudja speċjalmetn dwar l-abbużi madwar l-iskips.

Saret diskussjoni u l-Kunsill qabel li jixtri tlett cameras mingħand Firetech għas-somma ta' €949.87.

## 3.0 Rapporti

3.1.0 Ilmenti

3.1.1 Il-Kunsill ġie infurmat li l-ilmenti li waslu għand il-Kunsill u ħa konjuzjoni dwar kif dawn l-ilmenti ġew indirizzati bla dewmien għas-sosdisfazzjoni ta' dawk li ressqu dawn l-ilment.

3.2.0 Ittri li ntbagħtu

3.2.1 Il-Kunsill ħa konjuzjoni ta' l-ittri li ntbagħtu u ddeċieda li jkompli jsegwi l-interess tal-Kunsill kif ikun meħtieġ.

3.3.0 Ittri li rċevejna

3.3.1 Il-Kunsill ħa konjuzjoni tal-ittri li rċevejna u qabel li jkompli jsegwi l-interess tal-Kunsill kif ikun meħtieġ.

## 4.0 Aġġudikazzjoni ta' kwotazzjonijiet.

4.1 Quot/014/12 – Supply & delivery of instant road repair material in bags. Il-Kunsill qabel li jagħżel l-offerta tal-kumpanija Bitmac.

4.2 Quot/015/2012 – Supply and delivery of sealer for the instant road repair material. Il-Kunsill qabel li jagħżel l-offerta tal-kumpanija l-Asfaltar.

Il-Kunsill qabel li għandu jsir xogħol ta' patching bil-cold asphalt fi Triq Sta Katarina, Triq Joseph Pace u Triq Birżebbuġ, il-Gudja.

## 5.0 Xogħlijiet u Progress

5.1 Triq San Pawl. Il-Kunsill ġie infurmat li dawn ix-xogħlijiet sejrin ikunu lesti sal-15 ta' Diċembru 2012.

5.2.0 Toroq oħra.

5.2.1 Triq il-Kbira. Ix-xogħol fuq din it-triq inbeda.

5.2.2 Triq Sta Katarina, Triq J. Pace, Triq id-Dejqa, Triq San Mark, Triq il-Fidwa, Wesgħet Anglu Dalli, Triq Ħal Resqun, Triq Ħal Safi u Triq F. Castagna.

Xogħlijiet f'dawn it-toroq diġa bdew kif ikun possibli u qed issir ippjanar sabiex ikompli jsir xogħol kif tippermetti l-ħidma u l-finanzi tal-Kunsill.

5.3.0 UIF – Ġnien Raymond Caruana Il-Gudja.

5.3.1 Il-kuntratt diġa ġie iffirmat mal-MEPA dwar fondi għas-somma ta' €46,004.86 u kif intqal aktar il-quddiem f'dawn il-minuti sejra issir sejħa għall-offerti sabiex jintgħażlu l-kuntratturi li jwettqu x-xogħol meħtieġ.

5.4.0 Residential Parking Scheme

5.4.1 Kif intqal fil-laqgħat oħra il-Kunsill għażel lill-kuntrattur B. Grima & Sons u huwa maħsub li dan il-proġett jiltesta matul Jannar 2013.

**6.0 Attivitajiet Milied 2012/2013 - Progress**

6.1 Rapport dwar dan ingħata mis-Sur Baldacchino aktar il-quddiem waqt din il-laqgħa.

6.2 Is-Sur Baldacchino irringrazzja lill dawk kollha li ħadmu miegħu dwar dawn l-attivitajiet speċjlament lill-volontieri.

**7.0 Skema ta' Impjieg Inklussiv fil-kommunita**

7.1 Il-Kunsill ġie infurmat li kien ghandu qed jikseb aktar tagħrif dwar il-kandidati eliġibli li jkunu jistgħu jaqdu fix-xogħol tal-Kunsill u dwar kif u min sejjer iħallas għal dan ix-xogħol.

**8.0 Skema dwar inizjattivi sportivi fil-lokalitajiet 2013**

8.1 Il-Kunsill ingħata tagħrif dwar din l-iskema mis-Sur Sammut u qabel li jieħu sehem u jipparteċipa u awtorizza s-somma ta' €4000.00

**9.0 Skema - Programm ta' manutenzzjoni fil-komun tal-binijiet tal-Gvern 11-16**

9.1 Il-Kunsill ġie infurmat li sejjer ikun hemm żviluppi dwar dan fil-laqgħat li jmiss tal-Kunsill. Dettalji oħra diġa ingħataw aktar il-quddiem f'din l-istess laqgħa tal-Kunsill.

**10.0 Finanzi**

10.1 Petty Cash. Il-Kunsill approva in-nefqa ta' €44.09 għax-xahar ta' Ottubru u €130.76 Novembru 2012 kif ippreżentati lill-Kunsill.

10.2 Skeda ta' pagamenti. L-iskeda tal-pagamenti għax-xhur ta' Ottubru u Novembru 2012 għas-somma ta' €24,415.99 ġiet approvata wara li ġew imwieġba xi mistoqsijiet dwar xi ammonti murija fuq l-istess skeda.

10.3.0 Talbeit għal xiri u xogħlijiet

10.3.1 Il-Kunsill qabel u approva dawk ix-xogħlijiet u xiri ta' servizzi u materjal kif imsemmija aktar il-fuq f'dawn l-istess minuti.

10.3.2 Xiri ta' cold asphalt. Il-Kunsill approva ukoll ix-xiri ta' 150 borża tarmac mingħand Bitmac Ltd skond il-prezz tal-kwotazzjoni li ġie approvata mill-Kunsill.

**11.0 Għeluq tal-laqgħa**

11.1 Apporvazzjoni tal-leave li sejjer jitressaq għas-sena 2013. Il-Kunsill ħa konjuzjoni li minħabba l-eżigenzi tal-Kunsill l-entitelment tal-vacation leave ta' dawn l-impjegati tal-Kunsill ma setgħax jiġi eżawrit u għalhekk qabel li jiġġedded kif sejjer jingħad:-

| | |
|---|---|
| Mr. Joseph M. Formosa | 104hrs (13 days) |
| Ms. Antoinette Azzopardi | 88hrs (11 days) |

11.2 Awguri tal-Milied u s-Sena l-Ġdida. Is-Sindku, l-Viċi-Sindku u l-Kunsillier preżenti f'isem il-Kunsill Lokali Il-Gudja xtaqu l-isbaħ xewqat lill-kunsillieri kollha, lill-impjegati tal-Kunsill, lir-residenti u għaqdiet u soċjetajiet kollha u volontieri li jaħdmu b'risq ir-residenti tal-Gudja.

***Aġġornament***

Il-Laqgħa ġiet aġġornata fid-9.00pm għal nhar il-Ħamis 10 ta' Jannar 2013 fis-5.45p.m. bl-Agenda li tiġi iċċirkulata għand il-Kunsillieri kollha aktar il-quddiem.

Joseph M. Formosa
Segretarju Esekuttiv

John-Mary Calleja
Sindku

Approvati: _______________